MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2005

Numru 64/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Helga Debono)**

**vs.**

**Richard Mercieca**

**Illum 21 ta' Marzu, 2005**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Richard Mercieca ta' 37 sena iben Victor u Josephine nee` Galea, imwieled Pieta` fil-22/07/1966 u li joqghod f'l-indirizz: Nadrich, Triq Patri Marjanu Vella, Iklin, u detentur tal-karta ta' l-identita` numru 324466M gie akkuzat talli fil-18 ta'

Dicembru 2004, f'Hal Qormi u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a. iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija, jew manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh tali merkanzija, jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe madwar 1000CDs, DVDs, u Playstation Games allegatament foloz u dan bi ksur ta' l-Artikolu 298 (1) (a) (b) (c) (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
b. Bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassmu, xi artikolu jew xi haga bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il-ligi ta' Malta u dan bi ksur ta' l-Artikolu 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

c. Bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh jew qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassmu minn post jew minn gewwa post li huwa kopert b'licenzja, jew bhala parti minn attivita` koperta b'tali licenzja, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mill-jeddijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil/jew taht il-ligi ta' Malta u dan bi ksur ta' l-Avviz Legali 120 tal-1992.

d. Ukoll talli safa recidiv ghat-termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie ikkundannat b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati datati 2 ta' Dicembru 1994, 26 ta' Ottubru 1999, 11 ta' Frar 2000 u 12 ta' Mejju 2000.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti u tirrevoka l-licenzja ta' fixed hawker mahruga f'isem Richard Mercieca.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. HD3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputat ammeta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Helga Debono iddikjarat li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 298(1)(a), (b), (c) u (f), 298B, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Avviz Legali ta' l-1992 u l-artikoli 18, 298(1)(a), (b), (c) u (f), 298B, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Richard Mercieca, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadu bikri tal-kawza u li l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Helga Debono iddikjarat fil-Verbal tas-Seduta ta' llum li l-imputat ikkopera mal-pulizija, tikkunanna lill-istess imputat ghall-piena komplessiva ta' elf Liri Maltin (Lm1,000) multa.

Finalment il-Qorti, wara li rat l-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti esebiti bhala Dok HD 11.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------